# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 38

Il-Hamis, 14 t'Ottubru, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Peter Buontempo u Mario Camenzuli.

Il-Kunsillier Borg infurmat li ma kenitx ser tattendi minhabba x-xoghol filwaqt li l-Kunsillier Farrugia informa li kien ma jiflahx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

Qabel bdiet is-Seduta, il-Kunsill iltaqa' dwar l-attivita` ta' Lejlet is-Sena l-gdida. Il-partners tal-Kunsill f'din l-attivta` infurmaw lill-Kunsill li ghalkemm din kienet gejja tiswa madwar €50,000, il-Kunsill ma kien ser johrog xejn minn dawn l-ispejjez. Baqa' xi sponsors li jridu jikkonfermaw u malli dan isir, l-attivita` tista' tigi launched. Il-Kunsill qabel dwar dan.

Wara dan, il-Kunsill iltaqa' mas-Sur Victor Scerri fejn dan gabar informazzjoni dwar personalitajiet li huma mill-Belt. L-idea hija li issa jsir ktieb b'din l-informazzjoni. Il-Kunsill qabel fil-principju ma' din il-proposta, izda dan ghandu jsir mill-budget tas-sena d-diehla.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 37 li saret nhar il-Hamis, 30 ta' Settembru, 2010 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Progetti Proposti***
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien iccekkja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-mod li qed jigi propost li jsir il-progett tal-Mattia Preti Hotel. Ufficcjal mid-Dipartiment informa lis-Segretarju li l-istess procedura intuzat mill-Kunsill Lokali Pieta` fil-progett ta' La Vecchia Dogana.

***CCTV's fit-toroq***
Il-Kunsillier Azzopardi informa lill-Kunsill li kellu laqgha mas-Supretendent ta' l-Ghassa tal-Belt fejn identifikat hot-spots fejn tahseb li l-ahjar dawn ghandhom isiru. L-idea hi li l-Kunsill ihallas l-ispiza inizjali. Il-Kunsill qabel fil-principju li jkun hawn cctv's fit-toroq izda ghandha tingieb aktar informazzjoni u wara li jsiru aktar laqghat mal-Pulizija.

## QUARTERLY FINANCIAL REPORT

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta u ta spjega tat-tieni Quarter Financial Report ghas-sena 2010 (Appendici A).

Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## L-OFFERTI GHAS-SERVIZZ TA' ACCOUNTANT

Wara li kienu nfethu l-offerti ghas-servizz ta' accountant, is-Segretarju Ezekuttiv informa li kien qieghed jistenna aktar informazzjoni dwar min issottometta l-offerta. Ghaldaqstant, kien hemm qbil li l-offerta tinghazel aktar 'il quddiem.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Tressqu quddiem il-Kunsill pjanti ghall-proposta tal-progett tal-Biccerija, progett li johrog mill-programm HERO. Issa jmiss li ssir applikazzjoni ghal ERDF ghal madwar miljun u nofs Euro. Ghandha tinhareg sejha ghal perit sabiex isir id-disinn kif jista' jigi zviluppat;

- Il-Kunsill irrakomanda fil-pozittiv sabiex isir parkegg riservat ghall-persuna b'dizabilita` quddiem 178, Triq San Kristofru;

- Tressqu quddiem il-Kunsill xi proposti mill-VRPG, li l-Kunsill ha nota taghhom;

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Il-Valletta Residents' Parking***
Il-Kunsill qabel li min ibiddel il-karozza ghal wahda gdida, malli jirritorna l-V l-antika ghandu jinghata dik gdida mill-ewwel u mhux joqghod jistenna li jghaddu tliet xhur. Sadanittant, ir-residenti ghandhom jigu nfurmati li mit-2 ta' Jannar ser tibda tigi infurzata aktar il-'V'.

***Garanzija bankarja ghal YMCA***
Is-Sindku informa li l-YMCA kienu qed jitolbu lill-Kunsill li jaghmel garanzija bankarja ghan-nom taghhom mal-MEPA ghall-progett ta' shelter ghal homeless. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu direzzjoni minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

***Vizita mis-Sindku u delegazzjoni ta' Caravaggio***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-vizita ser issir is-Sibt, 16 t'Ottubru, fl-10.00am. Waqt din il-vizita ser jigi ffirmat ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Belt Valletta u Caravaggio.

***Revamp tal-website tal-Kunsill***
Is-Sindku ppropona li ssir revamp tal-website tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

***Bye-law ghal-lokalita` tal-Floriana dwar il-bini abbandunat***
Is-Sindku nforma li l-Kunsill tal-Floriana ghandu bye-law li tirregola l-bini abbandunat. Fost l-ohrajn din il-bye-law ghandha klawsola li bini ma jistghax ikun miftuh ghax ibejjed fih il-hamiem. B'hekk qed tigi wkoll solvuta l-problema tal-hamiem. Issugerixxa li l-Kunsill jara mad-Dipartiment kif il-Kunsill jista' jaddotta din fil-Belt. Kien hemm qbil dwar dan.

***Ambaxxatur Kulturali***
Kien hemm qbil ma' proposta tas-Sindku sabiex jitwaqqaf award l-'Ambaxxatur Kulturali tal-Belt Valletta' li jinghata lil dawk in-nies barranin li jkunu qed jaghmlu riklam lill-belt Valletta.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**PARKEGGI GHALL-MEMBRI PARLAMENTARI**

Minhabba li l-mozzjoni kienet f'forma ta' domandi, is-Sindku qal li kien ser iwiegeb dawn f'forma ta' mistoqsijiet.

Huwa qal li kif Transport Malta ircevew id-dokumenti mill-Parlament, dawn gew mghoddija lill-Kunsill u l-ghada ressaqhom fis-seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li hu ghandu informazzjoni li l-whips taz-zewg partiti ilhom sena li ddecidew dwar dawn il-parkeggi.

Is-Sindku sostna li dan l-arrangament gie diskuss fil-Parlament gimghatejn ilu u r-residenti kienu marru ahjar ghaliex filghodu kienu ser jibqghu jipparkjaw fejn kienu filwaqt li filghaxija se jipparkjaw quddiem is-Suq u fi Triq ir-Repubblika. Ghalhekk is-sitwazzjoni giet meljorata ghaliex madwar 50 parkegg rega' inghata lir-residenti u la gawdew ir-residenti hu kien jaqbel ma' dan.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li anki hu jaqbel li 50 parkegg jinghataw lura lir-residenti izda jaghti soluzzjoni ohra u mhux isir parkegg fuq pavimentar gdid.

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsillier Azzopardi kellu cans jaghmel dan fis-seduta precedenti meta tressqu dawn l-arrangamenti.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li ma kellux cans jaghmel dan ghax dawn tressqu bhala pjan diga lest.

Is-Sindku qal li setgha jressaq l-oggezzjoni tieghu li kienet tigi mghoddija lil Transport Malta.

Il-Kunsillier Azzopardi sahaq li l-Kunsill mhux qed ikun ikkalkulat u decizjonijiet qeghdin jittiehdu minghajr konsultazzjoni mieghu. Huwa xtaq li s-Sindku jinforma lil Transport Malta li qabel issir xi haga fil-Belt issir konsultazzjoni kif suppost mal-Kunsill Lokali tal-Belt.

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jkun ikkonsultat minn kulhadd izda f'din ic-cirkostanza kien hemm konsultazzjoni.

Il-Vici Sindku qal li Transport Malta hija Awtorita` u tista' timplimenta minghajr ma tinforma u tikkonsulta ma hadd.

Il-Kunsillieri Azzopardi u Camenzuli ma qablux ma' dan.

Is-Sindku temm billi qal li l-Kunsill jaccetta l-fatt li Transport Malta hija awtorita` izda per cortesia il-Kunsill jixtieq aktar konsultazzjoni.

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Il-Kunsill qabel li jinxtara LCD TV sabiex jitwahhal fir-reception.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa.

**TMIEM**

Fis-7.30pm il-Kunsill aggorna ghal nhar l-Erbgha, 3 ta' Novembru, 2010 fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku